

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 14.
## L-EWWEL MIRAKLU TA' GESU'.

**Gv 2:1-12.**

Wara li sejjah l-ewwel dixxipli tieghu, Gesu' kien mistieden flimkien ma' Ommu Marija ghal festa ta' tieg gewwa Kana mhux wisq boghod minn Nazaret. Mieghu marru wkoll id-dixxipli tieghu. Waqt il-festa tat-tieg l-imbid spicca. Ommu indunat u qalet lil binha: "Spiccalhom l-imbid."



Imma Gesu qalilha: "Is-siegha tieghi ghadha ma waslitx."

Gharfet Marija li Gesu' ried jghidilha li ghadu ma wasalx iz-zmien u l-hin li juri l-qawwa tieghu bhala Alla. Imma hija kienet taf kemm kien ihobb lil dawk fil-bzonn. U dawk l-gharajjes zgur li dak il-hin kellhom bzonn ta' min jghinhom fil-problema li giet fuqhom ghal gharrieda. Marija qalet lill-qaddejja: " Ghamlu dak li jghidilkom hu."

Fid-dar kien hemm sitt garrar ta' l-ilma li kienu jservu ghall-hasil tal-purifikazzjoni, kif kien l-uzu tal-Lhud. Gesu' ordnalhom jimlewhom bl-ilma sax-xfar, imbaghad qal lil qaddejja, "Tistghu tibdew tqassmu u ibdew mill-kap tal-mejda."

X’hin il-qaddejja newlu l-ilma mibdul f’imbid lil kap tal-medja u dan daqu sejjah lil gharus u qallu, ” Kulhadd jibda bl-imbid tajjeb l-ewwel u imbaghad jqassam l-imbid ta’ kwalita’ inqas tajba, imma inti hallejt l-imbid it-tajjeb sa l-ahhar.” Il-kap tal-mejda qal dan ghaliex ma kienx jaf minn fejn kien gej l-imbid. Il-qaddejja biss kienu jafu .

Hekk Kristu wera l-glorja tieghu u d-dixxipli tieghu emmnu fih. Kristu ghamel dan l-ewwel miraklu fuq it-talba t’ommu Marija biex ngharfu kemm ghandha qawwa quddiem Binha l-kelma taghha.

## RIFLESSJONI

KIF JGHID IL-MALTI B’MARIJA OMM GESU’ BHALA OMM TAGHNA WKOLL, GHANDNA R-RIH FIL-QALA GHALIEX BIZZEJJED NERSQU LEJHA F’KULL BZONN TAGHNA U HIJA TISMAGHNA. MHIX SER TITLAQ LIL ULIEDHA GHAR-RIHHOM.

INNISSLU DEVOZZJONI LEJHA U NITIOLBUHA KULJUM BIR-RUZARJU, IT-TALBA PREFERITA TAGHHA.

QATT MA GHANDNA NABBUZAWH BIHA, B’MOHHNA MISTRIEH GHAX HEMM HIJA GHALINA. DAN IKLUN INSULT KBIR GHALIHA.